

Brussell, 30 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9249/20

FIN 418
FC 52
FSTR 121
SOC 431
REGIO 159

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8837/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni: l-ispejjeż huma komparattivament baxxi, iżda ma hemmx informazzjoni suffiċjenti biex jiġi vvalutat l-iffrankar li jirriżulta mis-simplifikazzjoni" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni: l-ispejjeż huma komparattivament baxxi, iżda ma hemmx informazzjoni suffiċjenti biex jiġi vvalutat l-iffrankar li jirriżulta mis-simplifikazzjoni", approvati bi proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni: l-ispejjeż huma komparattivament baxxi, iżda ma hemmx informazzjoni suffiċjenti biex jiġi vvalutat l-iffrankar li jirriżulta mis-simplifikazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 7/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport.
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti deskritt fir-Rapport iffoka fuq l-eżami tad-data dwar l-ispejjeż u l-proċeduri relatati prinċipalment għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u kopra l-ħidma kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtoritajiet tal-Istati Membri magħżula responsabbli għall-ġbir, l-użu, ir-reġistrazzjoni, il-verifika u r-rapportar ta' data dwar l-ispejjeż mill-implimentazzjoni ta' fondi ta' politika ta' koeżjoni permezz ta' programmi operazzjonali.
- (3) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
 - Il-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, iżda dan għandu jkun aktar konsistenti fuq tul ta' żmien;
 - It-tip ta' spejjeż iddikjarati huwa differenti bejn l-awtoritajiet, anki fi ħdan ċerti Stati Membri individwali, u dan iwassal għal informazzjoni mhux kompluta dwar l-ispejjeż amministrattivi;
 - Għalkemm id-data tal-input mill-Istati Membri f'xi każijiet kienet limitata, l-istudju ad hoc tal-Kummissjoni tal-2018 li jagħti stima tal-ispejjeż amministrattivi juri li f'xi Stati Membri u għal xi programmi dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu komparattivament baxxi;

- Id-data miġbura mill-Kummissjoni ma setgħetx tikkontribwixxi effiċjentement għall-valutazzjoni tal-impatt dwar is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-UE fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.
- (4) JINNOTA li l-ispiża kumplessiva ppreżentata mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni hija relattivament baxxa meta mqabbla ma' fondi oħra tal-UE u ma' programmi ffinanzjati internazzjonalment.
- (5) JIKKUNSIDRA r-Rapport bħala kontribut utli għar-riflessjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri dwar kif tista' tkompli tittejjeb il-ħidma tagħhom fuq proċeduri relatati mad-data dwar l-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u JINNOTA li studji komparattivi futuri għandhom iqisu wkoll l-għadd ta' benefiċjarji ta' tali politiki u programmi.
- (6) JIKKONDIVIDI b'mod ġenerali l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Biex tkun żgurata rata sinifikanti ta' rispons għall-istudju, il-Kummissjoni għandha ttejjeb l-approċċ għal studji ta' spejjeż amministrattivi billi tħabbar fi stadju bikri tal-perijodu ta' programmazzjoni dak li ser jiġi eżaminat u meta;
 - Meta l-implimentazzjoni tal-programm tkun avvanzata biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunx ġew iffrankati l-ispejjeż amministrattivi skont l-istima;
 - L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw prattiki u proċeduri amministrattivi u jxerrdu eżempji ta' prattiki u proċeduri amministrattivi effiċjenti għall-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti kollha; madankollu, dawn il-valutazzjonijiet ma għandhomx jirriżultaw f'żieda fil-piż amministrattiv.
-